MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2007

Numru 1/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Nezren Grixti**
**v**

**PATRICK MANGION**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PATRICK MANGION** ta' tlieta w tletin sena bin Anthony u Giovanna nee Camilleri, imwieled Pieta nhar it-tletin ta' Jannar 1973 u residenti Block 1, Flat 78, Triq d-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 68773M, gie imressaq quddiemha fit-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2006 w akkuzat talli fid-dsatax ta' Dicembru 2006, fir-Rabat, Malta, wara nofsinhar naqas li jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor Anthony Vella b'digriet ta' dik l-istess

Qorti datat tletin ta’ Novembru 2006 li bih nghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta’ hamest elef lira maltin u li ma johrogx mid-residenza fejn jabita [home arrest] u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Patrick Mangion u tordna l-arrest mill-gdid tieghu kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u cioe lil **Ispettur Nezren Grixti** jixhed nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 u jghid li huwa gie nfurmat minn certu Johann Portelli li kien ra persuna li d-desrkizzjoni taqbel perfettament ma dik tal-imputat odjern diehel fil-garaxx tieghu li hu ghandu r-Rabat ftit qabel ma saret serqa minghandu.  L-imputat kien ghalhekk gie arrestat w investigat in konnessjoni ma din is-serqa.

Semghet lil **Ispettur Anthony Portelli** jixhed u jghid li l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest nhar t-tletin ta’ Novembru 2006 mill-Qorti tal-Magistrati u fost l-kundizzjonijiet moghtija lilu kien hemm li ma johrogx mid-dar fejn kien qed jirrisjedi salv biex jattendi d-Detox Centre u dan taht garanzija personali ta’ hamest elef lira maltin. Illi dan d-digriet gie esibit fl-atti bhala dokument PS 2.

Semghet lil **Johann Portelli** jixhed u jghid kif nhar d-dsatax ta’ Dicembru 2006, waqt li kien gewwa l-garaxx tieghu li jinsab fi Triq Ghajn Qajjet, r-Rabat ghal habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar ra lil imputat li gharaf presenti fl-awla, diehel fil-garaxx tieghu, resaq fejn ghandu l-flus u meta kellmu, inhasad u talbu ghal xi tyre. Mistoqsi jekk hux cert mija fil-mija dwar dan, x-xhud ikkonferma dak li stqarr u qal li kien cert.  Qal li kien cert li l-persuna kellha marka fuq imnehirha u li effettivament kien qal dan lil pulizija u li kien fela lil din il-persuna, tant li anke l-kulur tal-qalziet ta’ taghha li kellha kien rah u kien ta’ kulur isfar peress li tbaxxiet biex tara t-tyre rah.  Huwa ddeskriva wkoll l-vettura li mar biha l-imputat u cioe li kienet tal-marka Volkswagen Passat celesti bil-hgieg iswed *tinted*.

Illi **l-imputat** xehed fl-istess jum u qal li ma kienx minnu li kien hu li mar r-Rabat ghaliex huwa kien d-dar ma ommu l-hin kollu salv li filghodu ghal habta tal-hdax, mar jiehu l-methadone.

L-imputat jghid li lil dan Johann Portelli jafu ghaliex jaf li missieru jsewwi l-*punctures* u gieli mar ghandu biex isewwi xi *puncture*.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2006, l-imputat ressaq lil genituri tieghu u cioe lil **Anthony u Giovanna Mangion** jixhdu w ikkonfermaw li fid-dsatax ta' Dicembru 2006, l-imputat kien maghhom d-dar. Irrizulta pero mix-xhieda ta' Giovanna Mangion li xi hin wara nofsinhar, dakinhar l-imputat verament kien hareg biex jigbor xi pilloli bil-karta r-roza.

Illi l-Qorti thoss li x-xhieda ta' Johann Portelli hija aktar kredibbli w attendibbli fic-cirkostanzi u m'ghandiex ghalfejn ma temminiex.

Id-difiza sostniet li l-prosekuzzjoni naqset meta ma resqitx lil xi rappresentant tal-Qorti sabiex jikkionferma jekk d-digriet esibit fl-atti mmarkat bhala dokument PS 2 ma nbidilx. Il-Qorti pero ma thossx li tali prova hija rikjesta u dan ghaliex f'kaz li kien hemm xi tibdil, l-imputat setgha gab tali prova hu stess. Il-prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha a bazi ta' dak l-istess digriet w ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha biss l-obbligu li tressaq provi dwar l-istess u mhux provi ohra. Kien jispetta lid-difiza li tressaq tali prova f'kaz li jidhrilha li kien hemm xi tibdil fih.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat PATRICK MANGION hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal xahrejn [2] prigunerija u tordna l-arrest mill-gdid tieghu billi qed tirrevoka l-helsien mill-arrest li nghata b'digriet nhar t-tletin ta' Novembru 2006 minn din il-Qorti diversament preseduta.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------